## Il-Gran Mastru Antoine de Paule



Il-Gran Mastru Antoine de Paule ma rax Knisja lesta u armata għax, bħalma diġà għidna, kienet għadha ma ngħatatx is-sura ta' Salib Latin kif nafuha llum. Anzi nżidu li sal-1630 ma jidhirx li kellha artali fil-kappelli kollha tażżewġt iġnub għalkemm kienu jeżistu dawn li ġejjin: tal-Gandlora, tal-Madonna tar-Rużarju, tal-Lunzjata, ta' San Mikiel u tal-Madonna tal-Grazzja. Fratellanzi kien hawn tnejn, tas-SS. Sagramernt u tar-Rużarju li kienu twaqqfu fl-1575 u fl-1601 rispettivament.

Fl-1629, Dun Salv irriżenja minn kappillan bil-kundizzjoni li s-suċċessur tiegħu jkun iben ħuh, Dun Franġisk Cilia. Iżda, kif ser naraw, il-konnessjoni tiegħu mal-parroċċa damet almenu sentejn oħra. Fit-8 ta' Ottubru 1633, Dun Salv iddetta l-aħħar testament tiegħu u miet erbat ijiem wara fil-Birgu fl-età ta' 60 sena. Il-mewt tiegħu hi reġistrata fl-arkivju tal-Parroċċa ta' San Pawl, il-Belt Valletta, fejn insibu nota li tgħid li lil Dun Salv kienu jqisuh bħala bniedem qaddis.

Dan kien parrokat qasir ta' ħames snin li fihom dan il-kappillan qatta' tassew żmien mill-anqas f'Ħal Qormi. Kien iben it-Tabib Paolo Nicola u Argenta neé Testaferrata u tgħammed fit-12 ta' Ġunju 1606 fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta. F'Diċembru tal-1622, daħal f'seminarju f'Ruma fejn baqa' jgħix almenu sal-1625 meta mar Napli fejn kien għadu għaddej bl-istudji tiegħu fl-1628. Fl-1629, iggradwa f'Napli b'dottorati fil-Liġi Ċivili u fil-Liġi Kanonika. Permezz ta' Ittri Appostoliċi, ġie appuntat kappillan ta' Ħal Qormi u ngħata l-pussess tal-parroċċa fl-14 ta' Awwissu 1629 bi prokura billi f'ismu deher Dun Ġlormu Bellia. Billi kien għadu djaknu, zijuh Dun Salv baqa' jaqdi f'ismu id-dmirijiet ta' kappillan. Fl-1629, ġie appuntat Imħallef Sinodali u ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Ġunju 1630, x'aktarx f'Ruma.








Fl-1629 stess, missieru (li kien tabib) beda jinsisti li l-klima ta' Malta ma kinitx tajba għal saħħet ibnu u allura talab il-permess biex Dun Franġisk jibda jgħix fl-esteru. Fil-21 ta' Marzu 1633, Dr Dun Mario Muscat uffiċjalment inħatar Kurat/ Kuġitur (għalkemm kien ilu fil-kariga mhux uffiċjali mill-1631) biex imexxi l-parroċċa Qormija wara li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ħadu parir mediku. Jidher ċar, allura li Dun Franġisk ma kienx il-mexxej effettiv tal-parroċċa għax, tul il-parrokat qasir tiegħu, din tmexxiet suċċessivament minn żewġ saċerdoti oħra: Dun Salv Cilia (zijuh), u Dun Mario Muscat li kien destinat li jkun is-suċċessur tiegħu..

Fl-1630, inbidel il-kwadru titulari u tqiegħed fil-post dak ta' Gaspare Formica li llum qiegħed fis-sagristija. X'aktarx li l-kummissjoni kienet ingħatat minn Dun Salv Cilia li probabbilment kien ukoll il-promotur tal-bidu tal-bini taż-żewġ kappelluni għall-ħabta tal-1630. Nafu wkoll li, f'dan il-parrokat, żdiedu artali oħrajn fil-ġnub: ta' San Ġużepp ħdejn dak ta' San Mikiel, u ta' San Tumas biswit l-artal tal-Madonna tal-Grazzja. Fl-1634, il-koppja Marjanu u Katerina Haxixa (Axisa) waqqfu artal dedikat lill-Madonna ta' Trapani, devozzjoni li kellha ħajja qasira f'Ħal Qormi. Ta' min isemmi hawnhekk, li skont enumerazzjoni li saret fl-1632 mill-gvern tal-Ordni ta' San Ġwann, il-popolazzjoni ta' Ħal Qormi kienet laħqet il-figura ta' 3,327 persuna. X'aktarx li din kienet figura esagerata li tkabbret mill-gvern biex jingħata aktar qamħ bla dazju minn Sqallija u li l-popolazzjoni Qormija x'aktarx kien madwar 2,500 ruħ.



Sadattant, l-Inkwiżitur ta' Malta, Monsinjur Martino Alfieri - li kien involut fit-tmexxija tad-djoċesi Maltija minħabba l-mard li ħakem lill-Isqof Baldassare Cagliares u meta Malta sfat sede vacante - stabbilixxa ħames kanonikati ġodda fil-Katidral u wieħed minnhom ġie assenjat lill-Kappillan Dun Franġisk Cilia li allura għamel il-Professjoni tal-Fidi fit-30 ta' Lulju 1634. Iżda dawn il-kanonikati ġabu magħhom disgwid bejn l-Inkwiżitur u l-Kapitlu tal-Katidral li pprotesta kontra l-involviment ta' Mons. Alfieri fl-affarijiet tal-Katidral. Ovvjament, Dun Franġisk sab ruħu involut. Saħħtu minn dejjem kient fraġili u jista' jkun li dawn il-kwistjonijiet kienu ta' detriment għal saħħtu. Kien x'kien, miet ftit xhur wara, nhar l-14 ta' Ottubru 1634, fl-għomor ta' 28 sena, u ndifen fil-Katidral.

